**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 439/15 AL

AB
vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progessiv ta' elf, disgha mija u tnejn u disghin tas-sena elf, disgha mija u wiehed u disghin (1992/1991) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);

Illi minn dan iz-zwieg taghhom, twieldu M fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1992) u ghalhekk illum ghandu tlieta u ghoxrin (23) sena u N fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena

elf, disgha mija u sitta u disghin (1996) u illum ghandu dsatax-il (19) sena;

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool tal-20 ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata Dok B);

Illi ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet komplew b'hajjithom separatament minn xulxin;

Illi ma jithallas ebda manteniment lil parti jew ohra u dan kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2015;

Rat illi l-intimata mhijiex topponi ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Mejju 2003 u ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.